MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 840/1997/1

John Cassar
vs
Chairman tal-MIMCOL

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn 1989 u 1991, huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax il-Post ta' Personal Assistant to the Chairman (Mimcol 99/89) bhala rapprezentant tac-Chairman tal-Holding Company fil-Board of Management tal-Grand Hotel Verdala, Rabat, Malta.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi huwa kellu esperjenza vasta f'dan il-Mistier peress li kien ghamel zmien twil jghallem bhala Teacher fil-Food & Beverage Service fil-Hotel and Catering Studies

Department fl-MCAST, Msida ghal hames snin shah u sena u nofs ohra bhala Part-Time Lecturer II fl-Institute of Tourism Studies, St. Georges, St. Julians u kif ukoll kellu pozizzjonijiet ta' Management Ezekuttiv mal-Lukandi varji.

Illi f'Novembru 1989 kienet harget Call for Application ghall-Post ta' Personal Assistant to the Chairman (Mimcol 99/89) bhala rapprezentant tac-Chairman fil-Board of Management tal-Grand Hotel Verdala, Rabat, Malta. Illi huwa kien applika ghal dan il-Post. Illi huwa kien attenda ghall-ewwel interview u wara li gie 'SHORT-LISTED', gie mitlub biex f'Jannar 9, 1990 huwa jattendi ghat-tieni intervew fl-Ufficini tal-Mimcol, San Gwann. Illi wara dan it-tieni interview l-applikant qatt ma kien gie nfurmat dwar l-izviluppi dwar dan il-Post. Illi huwa fatt car u korrett li wiehed mill-kandidati ghal dan il-Post ta' Personal Assistant to the Chairman, is-Sur Michael Seychell, gie impjegat bhala Personnel Manager mad-Dragonara Hotel, St. Julians (Lukanda ohra li kienet taht il-kontroll tal-Mimcol) minghajr ma harget Call for Application ghal dan il-Post vakant, filwaqt li l-applikant, is-Sur John Cassar, baqa b'xejn. Illi huwa fatt korrett ukoll li dan l-istess kandidat li kien gie moghti dan l-impjieg, kien ghadu kif gie kkompensat b'somma konsiderevoli ta' flus wara li ntemmlu l-impjieg li kellu mal-Holiday Inn Crowne Plaza Hotel Sliema (Lukanda li hija ta' Kumpanija sussidjarja tal-AirMalta Company Limited).

Illi huwa fatt ukoll li f'Novembru 1991, l-applikant kien sar jaf li f'Novembru 1991 is-Sur Lino Cuomo gie appuntat bhala Executive Director tal-Grand Hotel Verdala Rabat, Malta meta l-ebda Call for Application ghal dan il-Post ma harget minn naha tal-Mimcol. Skond l-istess Lino Cuomo, dan l-appointment kien gie moghti lilu direttament mill-Ministru John Dalli nnifsu.

Illi huwa fatt li s-Sur Lino Cuomo kien ghadu kif tilef jew irrizenja mill-impieg li kellu ta' Manager mal-Park Hotel Sliema wara biss ftit gimghat li kien inghata l-Post u ghalhekk spicca bla xoghol.

Il-Post li kien gie moghti s-Sur Lino Cuomo bhala Executive Director jirrifletti l-istess responsabilitajiet u karigi li kienu jappartjenu lill-Post ta' Personal Assistant to the Chairman li l-applikant qatt ma kien gie moghti. Imma fil-fatt li gara kien li l-proceduri gew oltrepassati.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-appointment kif kien jisthoqqlu mid-data imsemmija hawn fuq, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5,000.00 jew kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' l-intimat li eccepixxa:

Illi t-talba tar-rikorrent hija infondata fil-fatt u fid-dritt infatti;

Illi r-rikorrent qaghad ghall-interview illi saret b'mod regolari u korrett u gie maghzul il-kandidat li l-Bord in kwistjoni dehrlu idoneju.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li fit-3 ta' Novembru 1989 huwa kien applika ghall-Post ta' Personal Assistant to the Chairman mal-MIMCOL bhala rapprezentant tac-Chairman tal-Holding Company fil-Bord tal-Management tal-Grand Hotel Verdala, Rabat, Malta; dejjem referibbilment ghal kaz A. Wara li attenda ghall-ewwel interview b'success, hu kien short-listed biex jattendi ghat-tieni interview li kien sar fl-ufficini tal-MIMCOL f'San Gwann fid-9 ta' Jannar 1990. Wara dan it-tieni interview hu qatt ma sema' xejn aktar dwar il-post vakant.

F'Novembru tal-1991 sar jaf li l-MIMCOL kienet appuntat lis-Sur Lino Cuomo bhala Executive Manager fil-grand Hotel Verdala, Rabat, minghajr ma harget Call for Application ghal din il-pozizzjoni u li skond is-Sur Lino Cuomo stess, dan kien "direct appointment" mill-Ministru John Dalli nnifsu. Is-Sur Cuomo kien ghadu kif irrizenja mill-post ta' General Manager tal-Park Hotel f'Tas-Sliema.

Il-post li kien gie moghti lis-Sur Lino Cuomo wara li kien spicca bla xoghol, jirrefletti l-istess responsabbilitajiet u l-istess karigi li kienu jappartjenu lill-Post of Personal Assistant to the Chairman, il-pozizzjoni li hu kien short listed ghaliha sena qabel.

Ghalkemm ir-rikorrent kemm fl-affidavit tieghu kif ukoll fir-rikors, jaghmel riferenza ghal post ta' Personnel Manager tad-Dragonara Hotel li ha s-Sur Seychell, fid-deposizzjoni tieghu a fol 22 tal-process, jammetti li dan ma kienx il-job li applika hu ghalih.

**KONKLUZJONIJIET:**

Li sfortunatament, fir-rikors tar-rikorrenti jissemmew diversi affarijiet. Proprjament l-ilment tar-rikorrent kif intavolat fir-rikors huwa ghal fatt illi hu sofra ingustizzja f'li ma nghatax il-post ta' Personal Assistant to the chairman bhala rapprezentant tac-Chairman tal-Holding Company fil-Bord of Management tal-Grand Hotel Verdala. Izda fil-kors ta' l-istess rikors kif ukoll fl-affidavit tar-rikorrent dan ihallat haga ma' ohra billi joqghod isemmi l-postijiet li ha

Michael Seychell bhala Personnel Manager mad-Dragonara Hotel, St Julians.

Izda l-ilment proprju tar-rikorrent huwa dwar il-post ta' Personal Assistant to the chairman, rapprezentant tac-chairman fil-Holding Company fil-Board of Management tal-Grand Hotel Verdala. Ir-rikorrent isostni illi fil-verita` ix-xoghol ta' Executive Director tal-Grand Hotel Verdala kien sempliciment isem iehor ghax-xoghol li kien sejjer ikollu l-Personal Assistant to the Chairman li ghalih kien applika hu u illi tali hatra saret by direct appointment tal-Ministru u mhux wara call for applications.

Kif sottomess fin-nota responsiva ta' l-intimat ir-referenza tar-rikorrent kemm fir-rikors kif ukoll fl-affidavit tieghu ghall-allegazzjonijiet fil-kuntest tal-hatra ta' Michael Seychell bhala Personnel Manager fid-Dragonara Palace Hotel huwa totalment irrelevanti.

Biex it-talba tar-rikorrent tirnexxi huwa ghandu l-obbligu li jipprova li hu ma nghatax il-hatra bhala Personal Assistant to the Chairman minhabba xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew minhabba xi inkapacita` jew restrizzjoni li huwa kellu jgarrab minhabba xi azzjoni ta' l-intimat nomine.

Interessanti huwa l-fatt illi r-rikorrent f'ebda stadju ma ghazel li jipproduci lil dan Lino Cuomo izda qaghad fuq deposizzjonijiet tad-*detto nel detto* u inoltre, r-rikorrent stess a fol 23 tal-process, jammetti li dak li qed jallega huwa bbazat fuq assunzjoni tieghu. Din certament mhiex l-ahjar prova kif titlob il-ligi. Kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova li l-istess mansjonijiet ta' xoghol kienu fil-fatt relevanti ghal zewg karigi u cioe` ghal dik li applika ghaliha hu u dik li fil-fatt giet assenjata lil Lino Cuomo.

Ukoll it-Tribunal ma ghandu l-ebda prova ta' l-appointment dirett mill-Ministru ta' Lino Cuomo ghax la gie prodott kopja ta' l-appointment, la gie prodott is-Sur Lino Cuomo u l-anqas gie prodott xi ufficcjal tat-Turizmu biex jghid dan.

Ir-rikorrent fil-kors tal-kawza, diversi drabi prova juri li l-affarijiet ma kienux mexjin sew u probabbilment kien proprju f'din il-linja illi r-rikorrent semma l-kaz ta' Seychell u ta *ad intendere* li l-appointment ta' Cuomo bl-istess mod ma sarx regolari.  Izda dan certament mhuiex sufficjenti biex iwassal ghal fatt li hu kien haqqu l-hatra.  Mod ir-rikorrent jipprova li certu affarijiet ma mxewx regolari u mod iehor totalment huwa l-fatt li hu kien haqqu hatra u li minhabba ingustizzja li saret hu ma nghatax tali posizzjoni.

Ukoll minn ezami tad-dokumenti esebiti mir-rikorrent jidher li hu mhux qed jaghmel distinzjoni bejn il-Hotel Management Services Limited li jinsab rapportat f' gazzetta esebita mill-istess rikorrent a fol 19 tal-process bhala Dokument E u l-MIMCOL.  Dawn huma zewg entitajiet guridici distinti u separati u ghalhekk l-ilment tar-rikorrent huwa bla bazi ghax il-hatra ta' Lino Cuomo saret minn entita` guridika differenti.  Hu ma nghatax il-hatra ta' Personal Assistant to the Chairman mill-MIMCOL, waqt li Lino Cuomo nhatar Executive Director minn entita` guridika ohra u cioe` l-Hotel Management Sevices Limited.  Inoltre wahda mill-hatriet hija Personal Assistant to the Chairman waqt li l-ohra hija Executive Director.  Bejn meta harget l-applikazzjoni li ghaliha applika r-rikorrent u cioe` 99/89 tas-socjeta` MIMCOL u l-hatra ta' Cuomo bhala Executive Director mal-Hotel Management Services Limited ghaddew sentejn.

Ma kinetx il-MIMCOL illi harget il-call for applications ghal post mal-kumpanija izda kienet kumpanija separata.  Kumpanija ma jkollha ebda obbligu tohrog call for applications biex tahtar id-Diretturi taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, jirrizulta illi t-talba tar-rikorrent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif imsemmi fin-nota tal-eccezzjonijiet a fol 3 tal-process.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.